**A.L. 531 of 2010**

## ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

## Regolamenti tal-2010 dwar Sussidju fuq ir-Rata tal-Imgħax fuq Self (*Guest Houses*, *Hostels*, Lukandi, Rziezet u Ristoranti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Sussidju fuq ir-Rata tal-Imgħax fuq Self (*Guest Houses*, *Hostels*, Lukandi, Rziezet u Ristoranti).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2010.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta; Kap. 463.

"bank" tfisser bank kif hemm fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju; Kap. 371.

"*guest house*" tfisser *guest house*, kif imfissra u mogħtija liċenza biex topera bħala tali taħt l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta; Kap. 409.

"*hostel*" tfisser *hostel*, kif imfissra u mogħtija liċenza biex topera bħala tali taħt l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta; Kap. 409.

"impriża" tfisser impriża kif imfissra fl-Att;

"impriża kbira", "impriża ta' daqs medju", u "impriża żgħira" għandhom it-tifsira mogħtija lilhom bl-Anness I mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) kif hemm fl-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat;

"istituzzjoni finanzjarja" tfisser istituzzjoni finanzjarja kif imfissra fl-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji; Kap. 376.

"il-Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta stabbilita taħt l-Att;

"Linji Gwida" tfisser dawk il-linji gwida li jistgħu jiġu pubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien kif hemm fl-Att;

"lukanda" tfisser lukanda kif imfissra u mogħtija liċenza biex topera bħala tali taħt l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta;

Kap. 409.

"proġett ta' investiment eliġibbli" tfisser proġett li jwassal għal titjib fl-arredament jew fil-livell ta' *guest house*, *hostel*, lukanda, razzett jew ristorant jew għall-akkwist ta' makkinarju, apparat jew strumenti ġodda biex jiġu użati fl-operat ta' *guest house*, *hostel*, lukanda, razzett jew ristorant, hekk li dak il-proġett ikun approvat mill-Korporazzjoni taħt dawn ir-regolamenti u kif jista' jiġi stabbilit fil-Linji Gwida, li fir-rigward ta' dak il-proġett ikunu ntefqu spejjeż eliġibbli u li dak il-makkinarju, apparat jew strumenti ġodda jinżammu fi ħdan in-negozju għal tal-inqas ħames snin jew għal xi perjodu iqsar kif il-Korporazzjoni tqis li jkun xieraq minħabba fix-xorta tal-proġett:

Iżda proġett ta' investiment m'għandux jiġi ttrattat bħala proġett ta' investiment eliġibbli jekk ikun marbut ma':

(a) akkwist ta' art jew proprjetà;

(b) pagi;

(ċ) spejjeż operattivi;

"razzett" tfisser post għall-btala li jkun mibni u komplut biex jirrappreżenta razzett tipiku Malti, li jkun sitwat f'area li tkun taqbel ma' ambjent ta' razzett;

"ristorant" tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel kif imfisser fir-Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel, u li jkollu liċenza biex jopera bħala tali taħt l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta;

L.S. 409.15
Kap. 409.

"spejjeż eliġibbli" tfisser spiża ta' xorta kapitali li ssir bħala parti minn proġett ta' investiment eliġibbli.

Sussisdji fuq imgħax fuq is-self.

**3.** (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta illi f'każ ta' impriża li teżerċita f'Malta, xi kummerċ jew negozju li jkun primarjament jikkonsisti fil-ġestjoni jew tmexxija ta' *guest house*, *hostel*, lukanda, razzett jew ta' ristorant, jkollha l-ħsieb li twettaq proġett ta' investiment eliġibbli, kif ikun ġie approvat mill-Korporazzjoni, il-Korporazzjoni tista' tissussidja r-rata tal-imgħax li jitħallas mill-impriża fuq is-self li dik l-impriża tista' tieħu biex

tiffinanzja spejjeż eliġibbli li għandhom jintefqu bħala parti minn dak il-proġett ta' investiment eliġibbli:

Iżda dan il-benefiċċju jiġi kkalkulat fuq l-ispejjeż eliġibbli li jkunu saru bejn l-1 ta' Ġunju 2010 sal-31 ta' Diċembru 2013.

(2) Is-sussidju msemmi fis-subregolament (1) għandu jkun tali li jiżgura li r-rata ta' mgħax li l-impriża jkollha effettivament tħallas m'għandhiex tkun teċċedi r-rata ta' mgħax li tasal għaliha billi jitnaqqsu bejn punt perċentwali wieħed u tliet punti perċentwali mir-rata ta' mgħax mħallsa lill-bank jew lil xi istituzzjoni finanzjarja.

(3) Is-sussidju fuq l-imgħax fuq is-self li jista' jiġi mogħti kif imsemmi f'dan ir-regolament għandu jkun japplika biss għal mgħax li jitħallas matul l-ewwel ħames snin ta' perjodu ta' self fuq ammont ta' self li m'għandux jeċċedi s-somma ta' seba' miljun euro (€7,000,000) f'każ ta' impriża li tkun topera bħala *guest house*, *hostel,* lukanda jew razzett u fuq somma ta' self li ma teċċedix is-somma ta' ħames mitt elf euro (€500,000) f'każ ta' impriża li topera bħala ristorant.

(4) Self li jikkwalifika għal sussidju fuq ir-rata tal-imgħax ikkontemplat b'dan ir-regolament għandu jkun self mogħti minn banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

Intensità tal-għajnuna.

**4.** L-għajnuna li tingħata kif hemm fir-regolament 3 m'għandhiex teċċedi ħamsin fil-mija (50%) tal-ispejjeż eliġibbli fil-każ ta' impriżi żgħar, erbgħin fil-mija (40%) tal-ispejjeż eliġibbli fil-każ ta' impriżi ta' daqs medju u tletin fil-mija (30%) tal-ispejjeż eliġibbli fil-każ ta' impriżi kbar.

L-aħħar ġurnata biex jiġu preżentati applikazzjonijiet għall-assistenza.

**5.** Applikazzjonijiet għall-assistenza taħt dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2013.